MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 775/2005

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
(Spettur Carmelo Magri)

Vs

George Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 101661M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi xhur fis-sena 2003, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel

jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh li jammonta ghal aktar minn mitt lira Maltija izda mhux aktar minn elf lira Maltija bi hsara tal-Gvern ta' Malta u/jew istituzzjonijiet ohra;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bi hsara ta' haddiehor u cioe' il-Gvern ta' Malta u/jew istituzzjonijiet ohra ghamel xi qliegh iehor b'qerq li jammonta ghal aktar minn mitt lira Maltija izda mhux aktar min elf lira Maltija;

3. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-udjenza tal-lum f'liema ammissjoni baqa jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat;
Rat l-Artikoli 308, 309, 189 u 17 tal-Kap 9; tiddecidi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan iz-zmien ta' sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------